**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 24**

**23 ta' Settembru 2025**

Il-laqgħa b'urġenza numru 24 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru, 2025 fil-16.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **24** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma' kienx hemm ittri ta' apoloġiji |
| | |
| **24.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | F'din il-laqgħa kien hemm diversi minuti, Minuti 18, 19, 20, 21, 22. |
| | Minuti 18 – Matthew kien bagħat update ta' xi kummenti żgħar li nbidlu u ġew iċċekkjati. Dawn il- minuti ġew preżentati waqt il-laqgħa u ġew ikkonfermati<br><br>Minuti 19, 20, 21, 22 – ma kien hemm l-ebda bdil f'dawn il-minuti |
| | |
| **24.2** | **Komunikazzjoni mis-sindku** |
| | 1. **Electrogas –** Is-Sindku spjega li kellu laqgħa mad-diriġenti tal-electrogas. F'din il-laqgħa ġie diskuss kif il-kunsill u l-Electrogas jistgħu jaħdmu aħjar flimkien fosthom fuq proġetti. L-Electrogas ser jiġu mistiedna għal attività li ser issir tal-Milied |
| | 2. **DLG -** Is-Sindku spjega li hu u l-DES iltaqgħu mad-Direttur Marisa Pisani fuq id-devoluzzjoni tal-parkeġġ, Ġnien Bir-Rikka, l-Ex Enemalta, u l-jogging track |
| | 3. **Infrastructure Malta –** Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma IM fuq it-toroq u dawk li l-aktar hemm prijorità'. Dawn huma: l-bankina ta Port Ruman, Triq Ix-Xerriek, Triq San Piju V, Triq is-Salvatur, Triq il-Luzzu. It-tela' tat-Torri ser tkun qed issir ukoll minn IM. Is-Sindku informa wkoll li kien talab biex fil-process jitneħħew il-cables tad-dawl minn mal-faċċati u IM aċċettat. Is-Sindku talab ukoll li isiru l-ħofor ta' Triq Bir Rikka u dawn aċċettaw. Fuq it-triq għal Magħluq, din ma' tistax issir għalissa minħabba li fadal il-proġett tal-ERA.<br><br>**Is-Sindku** spjega ukoll li hu saqsa lil IM hekk tistax tinfetaħ triq madwar il-barumbara sabiex il-kunsill ikun sema' minn nies li qed jappellaw. Il-Kunsill talab li l-area li qiegħed immarkat bħala ODZ tibqa' ġnien biss. Hawnhekk Matthew Bugeja qal li l-interess ġenerali hi li tinfetaħ it-Triq u għalhekk li timxi l-barumbara hi essenzjali. Is-Sindku qal li issir it-triq hi xi ħaġa urġenti u għalhekk l-iktar opzjoni sostenibbli u li tista' ssir l-aktar malajr kellha tiġi magħżula. Reno Bugeja ikkummenta li l-hunters towers avolja kien antik waqa' xorta u hekk għandu jiġri bil-barumbara.<br><br>Is-Sindku qal li biex tiċċaqlaq il-barumbara hemm spejjeż kbar ħafna. Matthew Buġeja ikkummenta li l-appell għandu jibqa' sejjer. Hu qal ukoll li b'din l-opzjoni l-ġdida kienet ser tkun qed tittieħed aktar art agrikola. |

| | |
|---|---|
| | Fuq dan il-kunsill ħa vot:<br>Statement: Naqblu li l-kunsill jipprova opzjoni oħra li t-triq iddur mal-barumbara hekk dan isir f'timeframe inqas. Il-Perit jitqabbad mill-Kunsill.<br><br>Vot Favur: 5<br>Vot Kontra: 0 |
| | 4. **Transport Malta –** Is-Sindku spjega li l-DES marret laqgħa ma' TM fuq Triq Melqart, Triq Axtart u Triq Bir Rikka. Id-DES spjegat li TM qed jissuġġerixxu li Triq Axtart tiġi tinżel minnha filwaqt li Triq Melqart tiġi titla'. Huma kienu qed jipproponu li Triq Bir-Rikka tiġi one way titla' l-fuq u Triq tas-Silġ tiġi tinżel biss. Id-DES però ġibdet l-attenzjoni li inġenji kbar ma jdurux minn Triq Tas-Silġ k/m Triq Gulino Maniscalco. Għalhekk huma pproponew li Triq Bir Rikka tibqa' f'żewġt direzzjonijiet imma jsiru *traffic calming measures.* Is-Sindku qal li Triq Melqart hemm talba għal sleeping police. Il-Kunsill qabel li l-biċċa ta' isfel ta' Triq Melqart ma Triq Bir Rikka tibqa' kif inhi *2 ways* u anke Triq tas-Silġ sakemm ma tinfetaħx it-Triq imwegħda It-Triq 8 ta' Mejju. |
| | 5. **Laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici –** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-ministru Owen Bonnici fejn ġie diskuss:<br>- Il-byelaw fuq il-monti<br>- Il-byelaw fuq il-latrini<br>- Il-budget tal-kunsill<br>- Tender tal-għajn tal-Ħasselin<br>- Restawr tan-niċċa ta' Redentur<br>- Torri Vendome |
| | 6. **Appell Bord tal-Kummerċ –** Is-Sindku qal li hu u DES flimkien mal-avukat marru għal dan l-appell però l-persuni li kellhom jiġu ma ġewx u dan kien differit għad-9 ta' Ottubru 2025. B'hekk, il-Kunsill qabel li hu kien ser imexxi separatament b'mandat fil-Qorti. |
| | 7. **Caravans –** Is-sindku saqsa lil kunsill x jaħsbu fuq il-caravans li jibqgħu fix-xitwa. Hu qal li fejn qegħdin mhumiex ser itellfu. Il-Kunsill qabel li basta li jżommu mar-regoli u jżommu l-indafa. |
| | 8. **Dgħajjes f'tal-Magħluq** - Is-Sindku kien qed jipproponi li min irid itellgħa f'tal-Magħluq kien ser ikun mitlub għal Euro 250 minħabba l-ħmieġ li dan ser jingħata lura. Ser jiġi mistoqsi li jibgħat il-kunsill ritratti ta' kif rama, u wara li jżarma u hekk ma jinstabux problemi jingħata depożitu lura. Min itella' dgħajsa fejn skalin hemm bżonn ukoll li jkun hemm ħlas minħabba li xi nies qed itellgħu id-dgħajjes u jħalluhom hemm u joħolqu ħafna ħmieġ. Fejn hemm il-winċijiet ma jistax ikun hemm karrijiet.<br><br>Fl-iskalin ma jistgħax ikun hemm pleasure boats. Irid ikun hemm biss MFA/B/C li huma reġistrati fil-port ta' Marsaxlokk. Għalhekk kien hemm qbil li minn Ottubru sa April ħdejn l-iskalin ser ikun hemm ħlas ta:<br>- L-ewwel 30 ġurnata b'xejn<br>- It-30 ġurnata ta' wara Euro 1 kull ġurnata<br>- 30 ġurnata ta' wara Euro 5 kull ġurnata<br>In-naħa tal-Magħluq: |

| | |
|---|---|
| | - L-ewwel 30 ġurnata b’xejn<br>- It-30 ġurnata ta’ wara Euro 2 kull ġurnata<br>- 30 ġurnata ta’ wara Euro 5 kull ġurnata. |
| | 9. **Marsaxlokk Heritage –** Is-Sindku stieden lil Ryan minn Marsaxlokk Heritage sabiex jindirizza lil-kunsill fuq is-sitwazzjoni tad-dgħajjes. Ryan qal li bil-liġi Maltija, ma tistax titkisser id-dgħajsa tradizzjonali Maltija bħal firilla, luzzu u kajjik tal-injam mhux fibre. Għaldaqstant l-għaqda kienet qed titlob lil-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk sabiex jalloka post ġo Marsaxlokk fejn dawn id-dgħajjes jistgħu jiġu miżmuma hemm sakemm jiġu restawrati mill-NGO. Hu kien qed jissuġġerixxi parti żgħira mill-parking tal-ground. Matthew Bugeja saqsa kif kienet ser tintuża l-firilla li l-organizzazzjoni kienet qed tirrestawra. Ryan wieġeb li ser isiru charter tours minn irmiġġ max-Xatt ta’ Marsaxlokk. Miriam Camilleri saqsiet ukoll hekk l-NGO għandix post fejn jagħmluhom u risposta kienet le. Daniel Zerafa qal li kien ikun aħjar kieku l-NGO tgħati soluzzjoni.<br><br>Matthew Bugeja qal li hu ma jaqbilx li jitkissru u għalhekk jissuġġerixxi li jekk l-NGO kellha l-backing politiku, hekk ikun hemm qoxra tradizzjonali li tibqa’ hemm l-NGO għanda teħodha f’boat yard privat bil-kera titħallas mill-Gvern, biż-żamma tad-dritt li l-ispejjeż jingħaddew fuq is-sid oriġinali. Ryan qal li din kienet soluzzjoni oħra. Matthew kompla li l-breakwater tal-powerstation hu ikkundannat u kien hemm wegħda elettorali li dan jinbidel u tinbena boat yard allura l-NGO setgħet titlob post hemm. Is-Sindku qal li minħabba l-powerstation kien hemm reklamazzjoni ta’ art u allura l-proġett tal-breakwater jista’ jsir. Però ma jistax jidħol għal proġett li kienet qed tissuġġerixxi l-NGO il-kunsill.<br><br>Matthew Bugeja qal li l-bini mill-ġdid tal-breakwater qiegħed f’miżura 450 tal-manifest tal-Gvern ċentrali. Reno qal li kien ser isaqsi sabiex issir PQ. |
| | 10. **Vending Machine –** Il-Kunsill irċieva email b’rikjesta għal vending machine fix-xatt. Il-Kunsill qabel li hekk ikun hemm qbil, din il-vending machine tista’ tiġi installata ħdejn il-faċilitajiet pubbliċi l-ġodda. |
| | 11. **Kiosk f’Delimara -** Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta li titpoġġa kiosk f’Delimara |
| | 12. **Talba għal kumpens –** Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva talba għal kumpens fuq ħofra fi Triq San Guzepp kantuniera ma Triq Melqart and Triq Axtart. Il-Kunsill qal li din it-triq taqa’ taħt Infrastructure Malta u għalhekk din it-talba kella tkun indirizzata lilhom. |
| | 13. **Mapep tal-lokalita –** Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva talba sabiex kumpanija tagħmel tabelli b’mapep kbar ta’ Marsaxlokk. Dawn jistgħu jitħallsu mill-kunsill jew inkella il-kunsill jgħatti d-dritt lil kumpanija sabiex tagħmel sponsorships mat-tabelli. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-mapep mingħajr spejjeż għall-Kunsill. |
| | 14. **TENDERS –** Is-Sindku qal li id-DES kienet qed taħdem fuq it-tenders għal IT u l-bulky u għalhekk il-kunsill ried jaħtar bord ta’ evalwazzjoni. Is-Sindku qal li hu kien qed jipproponi li sabiex ikun hemm it-trasparenza ħadd mill-kunsill ma jkun fuq il-bord ħlief id-DES. Matthew Bugeja ma |

| | |
|---|---|
| | qabilx ma dan u għalhekk is-sindku propona vot. Statement: il-Kunsill jaqbel il-bord tal-evalwazzjoni għandu jkun indipendenti ħlief id-DES.<br><br>Voti Favur: 4<br>Voti Kontra: 1 |
| | **15. Heritage Malta –** Is-Sindku informa li l-kunsill irċieva talba mingħand Heritage Malta sabiex ikun jaf meta hu Jum Marsaxlokk 2026 biex ikunu jistgħu jippjanaw il-ftuq tas-sit arkeoloġiku ta' Tas-Silġ. Għalhekk il-kunsill ħa in konsiderazzjoni li Jum Marsaxlokk kien qed jiġi ġurnata wara l-fishfest li f'dan l-aħħar snin kien qed isir fit-tielet ħadd ta' Settembru. Għalhekk il-Kunsill kien ser jinforma li Jum Marsaxlokk 2026 kien ser ikun fi 20 ta' Settembru 2026. |
| | **16. Hunters Site –** Il-Kunsill irċieva ittra għal no objection sabiex il-kuntrattur tas-sit tal-Hunters Towers jaħdmu bil-lejl bejn il-lejl ta 29 u 30 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jista' jaħdem sa' nofsillejl. |
| | **17. Latrini –** Is-Sindku spjega li hekk il-byelaw tal-latrini ma kienetx ser tiġi aċċettata hu kien qed jipproponi li dawn jingħataw il-CMD. Fuq dan kien hemm qbil |
| | |
| **24.6** | **Mistoqsijiet lis-Sindku** |
| | Matthew Bugeja saqsa jekk fi Triq Dun Salv Gatt kienx ser jitla' aktar bini. Hu saqsa wkoll jekk id-dawl jistax jiżdied. Is-Sindku wieġeb li jekk l-inkwilini jgħattu permess li jitwaħħal mal-faċċata tagħhom dan jista' jsir.<br><br>Matthew Bugeja ippropona li l-Kunsill jerġa jikkoordina l-attivitajiet ta' Halloween. Miriam Camilleri saqsiet jekk l-attivita' hux ser terga ssir b'kollaborazzjoni mal-klabb tal-waterpolo. Matthew Bugeja qal li hu kien diġà kellem lil tal-banda imma ma bagħtux risposta. U għalhekk u kien kellem lil klabb tal-football u kien qed jistenna risposta.<br><br>Matthew Bugeja saqsa jekk jistax jiġi itranġat il-madum tal-pjazza. Is-sindku qal li kien f'taħdidiet fuqa kif ukoll tas-Silġ<br><br>Matthew Bugeja saqsa fuq id-dewmien rigward id-disinji tal-ġnien li għandu jsir fi Triq Birrikka. Is-Sindku wieġeb li il-kunsill kien ġab designer u qed nistennewh jagħmlilna d-disinji. |
| | Daniel Zerafa saqsa fuq hekk Triq Kavalerizza n-naħa t'isfel kienet għada maqlugħa. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem mal-Water Services li kienu għamlu xogħol.<br><br>Daniel Zerafa saqsa ukoll fuq kif baqgħa l-kunsill fuq it-transport pubbliku. Is-Sindku qal li kien ser jibgħat tfakkira. Daniel Zerafa Qal ukoll li fil-prti t'isfel ta Triq iż-Żejtun ma kienx hemm linji tal-parking. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja dwarhom. Daniel qal ukoll li fl-iskallin kien qed ikun hemm il-karozzi ipparkjati u s-Sindku qal li din hi sitwazzjoni ta' infurzar. |

| | |
|---|---|
| | Daniel saqsa ukoll fuq is-sitwazzjoni tal-boat trips. Is-Sindku wieġeb li ħadd ma ġie jġedded il-permess u ħadd mhu qed jobdi regoli. Biex ninfurzaw ikollna bżonn il-pulizija. Is-Sindku informa ukoll li kellu l-ħsieb li jġib lil xi ħadd jieħu video tal-affarijiet kollha li hemm fuq ix-xatt sabiex ikun hemm l-evidenza fuq l-ingombru li hemm fuq ix-xatt. Is-Sindku informa ukoll li l-bankijiet ta' taħt it-tinda kienu qed jiġu ivvandalizzati u għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li jiġu welded. Fuq dan kien hemm qbil. |
| | **PA** |
| | Daniel Zerafa informa li kien hemm applikazzjoni ta' Cafe de Paris fi Triq ix-Xatt li bidlu render u ħareġ il-permess. Dan sar kif kien talab il-kunsill. Hemm ukoll il-permess 4763/24 fuq il-pompa ta' Triq ix-xatt u ħdejn l-iskola kien hemm talba għal childcare centre PA 5324/24 |
| | |
| | Laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta tat-20.00 . Il-Laqgħa li jmiss kienet ser issir fl-20 ta' Ottubru 2025 fl-16.30 |

Konfermati, illum 20 ta' Ottubru 2025,

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

________________________

***Sekondant***